# KIF JISBAĦ GĦADA

*Ta'* OLIVER FRIGGIERI

Kont għadni f'nofs il-ġirja tat-tfulija
meta ħassejt ġo fija
titwieled l-ewwel għanja...
...u għannejtha b'qalb mimlija
bil-ferħ ewlien tas-snin.

U kbirt...
u l-għanja tat-tfulija kibret miegħi...
iżda f'żgħożiti
tilfet ħajr iż-żgħożija
għax min għannieha
dbiel meta kellu jwarrad.

Illum
għadni ngħanniha l-għanja
kif f'sidri nħoss is-sħana tan-nifs tagħha.

Iżda kif jisbaħ għada...
jdubu dliel is-seħer taż-żgħożija
u tnin it-tama li ttamajt il-bieraħ...
min jaf tmutx kmieni fija
ir-ruħ tal-poeżija,...
u nibqa' bla ma ngħanni
Il-għanja tar-rġulija?...